MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1197/2004

**Dragonara Casino Limited**

**vs**

**Keith Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u disgha u tmenin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm489.24) rappresentanti penali dovuta in konsegwenza ghal abbandun ta' kuntratt ta' impieg definittiv mas-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-9 ta' Gunju 2004 kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm debitament notifikat, l-konvenut baqa' ma dherex quddiem it-Tribunal u lanqas ipprezenta risposta skond il-ligi.

Sema x-xhieda ta' Anthony De Giovanni in rappresentanza tas-socjeta attrici, li ikkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u disgha u tmenin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm489.24), bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Gunju 2004.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------